MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 199/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**
Luigi Aquilina

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Novembru 2005, ghall-habta tat-8.15 a.m., fi Triq Nazzjonali, Blata-l-Bajda/Hamrun, saq vettura nru. EAG-837 :**
**1) U meta kien involut f'incident tat-traffiku ma' vettura nru. EAC-706, naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu w id-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi;**
**2) kif ukoll saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-**

**Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinovata);**
**3) u aktar b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma’ vettura nru. EAC-706 u nvolontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta’ Anthony Schembri.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Mejju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 15(1)(2)(3) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu ghal mitt lira Maltin (LM100) multa filwaqt li lliberatu mit-tieni imputazzjoni. Ordnat ukoll li jigi sospiz milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-31 ta’ Mejju, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha billi tirriforma w tvarja s-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti li l-appellant gie liberat mit-tieni imputazzjoni, thassar u tikkancella l-istess sentenza fuq l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u ghar-ragunijiet suesposti tilliberah minnhom, salv dak li din il-Qorti joghgobha tordna.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum li bih Dr. Luciano Busuttil ghall-appellant iddikjara li wara li semgha l-provi kien qed jillimita l-appell tieghu ghas-sospensjoni tal-licenzja erogata mill-Ewwel Qorti.

Rat in-nota ta’ cessjoni tal-appellant fejn irtira l-aggravji tieghu kollha ghajr dik dwar is-sospensjoni.

Ikkonsidrat :

Illi stante li l-appellant kien gie liberat mill-Ewwel Qorti mill-akkuza li saq vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta w li l-akkuzi l-ohra li taghhom instab hati ma jgibux

maghhom il-piena tas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan, tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata w filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u mhux hati tat-tieni imputazzjoni w fejn ikkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' mitt lira multa (LM100), tirrevokaha fil-parti fejn ordnat li l-appellant jigi sospiz milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------